# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 8 ta' Marzu 2019

**Rikors Numru : 524/2018 JPG**

**Kawza Numru : 27**

**EC**

**vs**

**CC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' EC datat 27 ta' Novembru, 2018 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fit-tletin (30) ta'April tas-sena elf disa' mija erbgha u disghin (1994) u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal;*

2. *Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati jghaddu ghall-kuntratt ta' separazzjoni in forza ta' Digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili (Prim'Awla) fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u b'hekk iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni quddiem in-Nutar Dr. Liza Schembri datat ghaxra (10) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) liema kuntratt gie irregistrat fir-Registru Pubbliku u jgib in-numru I 4745 2014;*

3. *Illi l-partijiet ilhom aktar minn erbgha (4) snin defacto u de Jure separati;*

4. *Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom mis-sena elfejn u erbatax ma jghixux flimkien, illum ghandhom hajja totalment separate minn xulxin;*

5. *Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni (klawsola 4) "l-partijiet iddikjaraw illi rrinunzjaw mid-dritt taghhom illi jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin. Tali rinunzja hija definittiva u irrevokabbli u tibqa fis-sehh anke jekk ikun hemm tibdil fic-cirkostanzi rispettivi tal-Partijiet."*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

**Rat id-digriet taghha tal-31 ta' Jannar, 2019 fejn il-Qorti laqghet t-talba ta' CC biex tirriverti ghall-kunjom xbubitha, cioe' S;**

**Rat illi l-attur EC ikkonferma illi ser ihallas l-ispejjez ghal dawn il-proceduri**;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**Ikkonsidrat;**

**CC** xehdet a fol 11 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fit-30 t’April 1994 u kienu ottjenew is-separazzjoni legali fl-10 ta’ Marzu 2014 permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg tal-partijiet twieldu zewgt’ itfal. Xehdet illi m’hemm l-ebda pendenzi ta’ manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba’ snin, u li m’hemm l-ebda tama ta’ rikonciljazzjoni.

**EC** xehed a fol 24 *et seqq* u kkonferma u kkorobora ix-xhieda tal-intimata.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f’dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b’kuntratt jew b’sentenza. [...]***

> ***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta’ dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b’talba ta’ żewġ persuni miżżewġa***

***flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat;**

Jirrizulta sodifacentement pprovat li in segwitu taz-zwieg taghhom datat 30 ta' April 1994 (Vide Dok B a fol 23), il-partijiet kellhom zewgt ulied, illum maggorenni;

Il-Qorti tqis illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 10 ta' Marzu 2014 fl-atti tan-Nutar Dr. Liza Schembri (Vide Dok A, a fol 16 et seqq.);

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u li l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti rnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex iz-zwieg tal-kontendenti jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, u wkoll tawtorizza lil CC tirriverti lura ghal kunjom xbubitha, u cioe S, u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**In vista tad-dikjarazzjoni maghmula quddiem il-Qorti fil-31 ta' Jannar 2019 (fol 9), l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrent.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**